FarmDemo



# LINJI GWIDA GĦALL-IŻVILUPP TAL-VIDJOWS

Awturi: Hardy Claire, Vanev Dimitar, Alföldi Thomas, Tippin Laura, Triste Laure

# WERREJ


Introduzzjoni 3

1 // Definizzjoni tal-għan għad-dimostrazzjonijiet virtwali 4

1.1. GĦALFEJN QED TIPPJANA DIMOSTRAZZJONI VIRTWALI? 4

1.2. X'TIXTIEQ TIKSEB U TURI? 5

1.3. MIN GĦANDEK FIL-MIRA? 6

2 // Ipprepara vidjow għal dimostrazzjonijiet virtwali 8

2.1. AGĦŻEL TIM TA' PRODUZZJONI 8

2.2. L-ISTRUTTURAR TAL-KONTENUT 9

2.3. KELLIEM, PREŻENTATUR JEW INSERIMENTI BIT-TEST 10

2.4. IPPJANAR TAL-A-ROLL U B-ROLL 10

2.5. TAGĦMIR 12

3 // Ostakli potenzjali 16

3.1. BAĠIT 16

3.2. HARDWARE TAL-EDITJAR 16

3.3. SOFTWARE TAL-EDITJAR 16

3.4. LIĊENZJI 16

3.5. LINGWA 16

3.6. ĦIN 17

3.7. ĦILIET 17

3.8. ID-DAQS TAL-FAJL 17

3.9. DAQS TAL-KLIPP 17

3.10. ETIKA (KUNSENS) 17

4 // Produzzjoni ta' vidjow għal dimostrazzjonijiet virtwali 19

4.1. ĠBID TA' IMMAĠNI 19

4.2. EDITJAR TAL-VIDJOW 23

5 // Disseminazzjoni ta' dimostrazzjonijiet virtwali 24

5.1. MIDJA SOĊJALI 25

5.2. KANALI FUQ YOUTUBE 25

5.3. NETWERKS 25

5.4. IR-RAZZETT VIRTWALI 26

6 // Evalwazzjoni tal-impatt tad-dimostrazzjonijiet virtwali 27

6.1. GĦADD TA' DEHRIET 27

6.2. IR-RATA TA' KEMM GĦAFSU "PLAY" FUQ IL-VIDJOW 28

6.3. INGAĠĠ 28

6.4. IL-KONDIVIŻJONI SOĊJALI 28

6.5. RATA TA' KKLIKKJAR 29

6.6. RATA TA' KONVERŻJONI 29

6.7. FEEDBACK 29



**Figura 1.** Ġbid ta' films matul dimostrazzjoni bid-dron ġewwa La Maremmana (Principa Terra, Toscane)

# Introduzzjoni

L-użu ta' vidjows magħmulin mill-bdiewa huwa mod tajjeb kif taqsam approċċi innovattivi użati fir-razzett. Dimostrazzjoni virtwali tippermetti li jiżdied l-aċċess għad-dimostrazzjonijiet u li jitnaqqsu l-limiti taż-żmien assoċjati ma' dimostrazzjoni tradizzjonali fir-razzett.

Il-vidjows qiegħdin jiksbu impatt ikbar milli kontenut miktub jew stampi. Permezz ta' vidjow prodott sew, bidwi jista' jikseb ħafna iktar informazzjoni milli permezz ta' riassunt miktub. Hu ma jarax biss trattur fl-għalqa, iżda fl-istess ħin jaqbad dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-ħamrija, il-kapaċitajiet tekniċi, l-aġġustament tat-tagħmir u l-faċilità tal-makkinarju kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

It-teknoloġija tal-ismartphones jippermetti li jsiru rekordings bis-slow motion u time lapse, editjar u qtugħ faċli, kif ukoll uplowdjar faċli fuq l-internet. Għall-bdiewa, huwa faċli li jikkonsmaw tali kontenut u jaqsmuh mal-pari. Għalhekk tippermetti lill-bdiewa jiddisseminaw l-interessi tagħhom u jitgħallmu mill-pari tagħhom, kemm fil-qrib kif ukoll fil-bogħod.

Meta l-vidjows huma inkorporati f'forums ta' diskussjoni, Twitter, Facebook, YouTube, LinkedIn, paġni web jew kanali ta' midja soċjali oħrajn, huwa jippermettu wkoll tagħlim onlin u opportunitajiet ta' netwerking għall-bdiewa.

F'dan id-dokument, stipulajna 6 passi kif jiġu organizzati dimostrazzjonijiet virtwali, minn definizzjoni tal-għan sad-disseminazzjoni u l-evalwazzjoni tal-impatt. Tul din il-gwida, jiġu offruti pariri u suġġerimenti konkreti u eżempji mill-prattika (b'kodiċijiet tal-QR għal links tal-vidjows).

# 1 Definizzjoni tal-għan għad-dimostrazzjonijiet virtwali

Huwa essenzjali li l-għanijiet tad-dimostrazzjoni virtwali jsiru espliċiti għax dawn jiddeterminaw d-deċiżjonijiet l-oħra kollha li jagħmel organizzatur matul il-preparazzjoni u l-organizzazzjoni tad-dimostrazzjoni virtwali. Li jkollok għan ċar u messaġġ ewlieni jgħin għas-suċċess tad-dimostrazzjoni virtwali.

L-għan tad-dimostrazzjoni għandu jispeċifika dak li jfittxu li jiksbu l-organizzaturi permezz tad-dimostrazzjoni virtwali. Din għandha tibda billi tindirizza l-"għalfejn" (għalfejn qed tippjana din id-dimostrazzjoni virtwali?), imbagħad il-"xiex" (x'nixtiequ niddimostraw?), u mbagħad il-"min" (Min hi l-udjenza fil-mira għad-dimostrazzjoni virtwali?). Dawn it-tliet aspetti flimkien imbagħad jiddefinixxu l-"kif" (kif se tiġi mwaqqfa d-dimostrazzjoni virtwali?).

## 1.1. GĦALFEJN QED TIPPJANA DIMOSTRAZZJONI VIRTWALI?

Il-vidjows jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-ammont ta' nies li tilħaq u jimmultiplikaw l-impatt tal-attivitajiet tad-dimostrazzjoni. Pereżempju, avveniment tad-dimostrazzjoni fir-razzett se jattendu fih ammont limitat ta' bdiewa, iżda vidjow jista' jsir virali fuq l-internet u jilħaq udjenza ħafna ikbar. Il-kaxxa 1 telenka l-iktar raġunijiet importanti għall-produzzjoni ta' vidjows agrikoli waħdek.

L-użu ta' vidjows għandu xi vantaġġi. L-ewwel, jista' jintuża biex jingħataw pariri għal problemi komuni għal numru kbir ta' bdiewa. It-tieni, jippermetti li ssir ripetizzjoni ta' informazzjoni u pariri, sabiex l-udjenzi jiftakruhom iktar faċilment. L-informazzjoni li tiġi mismugħa waqt laqgħa jew li tingħata minn aġent ta' estensjoni tista' faċilment tiġi minsija. It-tielet, l-udjenza tista' tiddaħħal f'kuntatt ma' bdiewa ta' suċċess jew esperti agrikoli minn madwar id-dinja kollha.



### GĦALIEX GĦANDEK TIPPRODUĊI VIDJOWS TAD-DIMOSTRAZZJONI FIR-RAZZETT

Ħafna attivitajiet agrikoli huma marbutin maż-żmien tas-sena, bħall-ħdim tar-raba' u l-ħsad.

Vidjow jaqbad il-mument attwali u l-kontenut isir aċċessibbli għal udjenza iktar wiesgħa.

Il-vidjows agrikoli huma popolari mal-bdiewa. Ħafna bdiewa anke jmexxu l-kanali ta' YouTube tagħhom stess.

Il-vidjows huma mod eċċellenti kif turi l-esperjenza tal-prattikanti.

L-ammont ta' nies li jintlaħqu permezz ta' tali dimostrazzjonijiet jista' jiġi estiż b'mod sinifikanti permezz tal-vidjows.

Il-bdiewa jippreferu l-vidjows milli riżorsi bil-miktub biex jinfurmawhom dwar suġġett jew approċċ speċifiku.

Wara Google, YouTube hija t-tieni l-ikbar magna tat-tiftix fid-dinja.

It-tagħmir tal-vidjows u s-software tal-editjar issa ma jiswewx ħafna u faċli biex tużahom.

## 1.2. X'TIXTIEQ TIKSEB U TURI?

Il-kontenut tad-dimostrazzjoni virtwali għandu jiġi magħżul bir-reqqa skont dak li tixtieq tikseb bih. Pereżempju, organizzaturi ta' avvenimenti ta' dimostrazzjoni, jista' jkun li jridu jużawhom biex jippromwovu avveniment futur billi jagħtu prospett ġenerali ta' dak li se jiġi dimostrat. Il-konsulenti jistgħu jkunu jridu jispjegaw kif titwettaq prattika speċifika fir-razzett.

L-agrikoltura tipprovdi firxa wiesgħa ta' suġġetti adattati għall-vidjows, inkluż (Figura 2):

1. **Dimostrazzjonijiet tal-magni.** Dawn huma fost l-iktar attivitajiet ta' dimostrazzjoni popolari u jiskbu l-ikbar ammont ta' dehriet fuq YouTube.
2. **Vidjows ta' taħriġ** li jinġibdu fuq il-post, jiġifieri fl-għalqa, fl-istalla jew f'magna.
3. **Tutorials** dwar suġġetti iktar kumplessi preferibbilment isiru fi studio sempliċi quddiem dik li tissejjaħ skrin ħadra (primarjament miġbud fuq ġewwa vs vidjows ta' taħriġ miġbudin fuq barra).
4. **Innovazzjonijiet prattiċi** u soluzzjonijiet individwali mill-bdiewa.
5. **Vidjows ta' Avvenimenti** biex jagħru kontribuzzjonijiet ta' konferenzi magħżulin jew impressjonijiet ta' konferenzi.
6. **Riżultati ta' riċerka** komunikati lil varji partijiet interessati. Dawn għandhom inqas dettall u spiss jissupplimentaw artikoli miktubin jew dokumenti.
7. **Vidjows qosra ta' previżjoni** jistgħu jintużaw, pereżempju, biex iħabbru manwal jew avvenimenti ġodda.
8. **Klipps qosra tal-vidjow** dwar siti web ta' konsulenza agrikola huma addizzjoni utli għal testi online.

**1. Dimostrazzjoni tal-magni**



**2. Vidjows ta' taħriġ**



**3. Tutorials**



**4. Innovazzjonijiet tal-prattika**




**5. Avvenimenti**




**6. Proġetti ta' riċerka**




**7. Previżjoni**




**8. Addizzjoni għal test online**




**Figura 2.** Oqsma ta' applikazzjoni ta' vidjows fl-agrikoltura, b'kodiċijiet QR biex tara eżempji ta' vidjows mill-proġġett PLAIDt. (sors: Deliverable 4.3-PLAID)

Formati popolari fl-agrikoltura huma **blogs bil-vidjow** (vlogs) li fihom il-bdiewa jiddokumentaw u jikkummentaw fuq xogħolhom fir-razzett. **Films ta' reklamar**, pereżempju ħanut tar-razzett **films ta' stampi** għal organizzazzjonijiet, huma formati oħrajn. Nirrakkomandaw li tqabbad vidjografi professjonisti biex jipproduċu films ta' PR u kummerċjali.

Xi rakkomandazzjonijiet dwar l-għażla ta' suġġett:

- Kontenut kurrenti li huwa topiku u xi kultant staġjonali se jkun l-iktar attraenti għall-udjenza.
- Ikkunsidra l-varjazzjoni fit-tipi ta' rziezet (tnissil tal-annimali, produzzjoni tal-pjanti, imħallta, konvenzjonali, organiċi, eċċ.) u d-daqs tal-irziezet (żgħar, kbar, medji) meta tipproduċi dimostrazzjonijiet virtwali (iżda skont min tkun l-udjenza fil-mira tiegħek).
- Agħmel introduzzjoni qasira ta' 10 sekondi. Intwera li l-attenzjoni tan-nies tinkiseb fl-ewwel 10 sekondi. Jekk il-kontenut ma jattirahomx f'dawn l-ewwel sekondi, spiss jitilfu l-interess.
- Uri kemm approċċi ta' razzett sħiħ kif ukoll approċċi għal oqsma speċifiċi tar-razzett.
- Uża suġġett sempliċi biex tibda, eż. dimostrazzjoni ta' magna. Hawnhekk, l-istorja hija lineari, jiġifieri magna waħda ssegwi oħra



## PARIRI

Ibda b'suġġett sempliċi u definit b'mod ċar

Staqsi lilek innifsek: Film huwa verament il-mezz xieraq għal dan is-suġġett?

Ikkunsidra jekk is-suġġett jipprovdix biżżejjed materjal viżiv. Tħallix li wisq informazzjoni li ma tistax tiġi murija titniżżel bil-miktub.

Evita irjus jitkellmu ("talking heads")!

Sib storja wara s-suġġett Il-vantaġġi tal-vidjows huma r-rakkontar ta' stejjer u l-ħolqien ta' emozzjonijiet.

Sir af il-limiti tiegħek. Ħalli s-suġġetti kumplessi, il-kunċetti, il-PR u l-films tar-reklamar għall-professjonisti.

## 1.3. MIN GĦANDEK FIL-MIRA?

Il-kontenut ta' vidjow se jkun differenti skont min tkun l-udjenza fil-mira tal-vidjow. Il-kontenut viżwali jista' jkun tajjeb għal involviment fuq livelli differenti, pereżempju, il-vidjows tekniċi huma tajbin biex jispjegaw kif jistgħu jintużaw teknoloġiji differenti f'sitwazzjonijiet differenti. Għalhekk vidjow jista' jinkludi kontenut struzzjonali kif ukoll kontenut promozzjonali, pereżempju, sal-punt tal-bejgħ. Vidjows ta' data tar-riċerka u riżultati jistgħu jintużaw biex jiddisseminaw ir-riżultati tal-proġetta jew jistgħu juru kif ir-riċerka hija tradotta għal parir prattiku dwar il-biedja. Eżempju ta' tip ta' udjenza u l-oqsma ta' interess tagħhom huma mogħtija hawn taħt.

### 1.3.1. Bejn il-pari

Għal vidjows li jimmiraw lejn tagħlim bejn il-parti, il-vidjows huma prodotti mill-bdiewa biex jinformaw lil bdiewa. Dawn il-vidjows jiffokaw fuq materjal li jinvolvi llil-bdiewa kollegi. Il-filmat tal-vidjow ġeneralment ikun ittieħed mill-bdiewa, jew okkażjonalment minn konsulenti, biex juru innovazzjonijiet ġodda jew tekniki ta' ġestjoni li jkunu interessanti għall-pari tagħhom. Il-vidjows jistgħu jintużaw biex jipprovdu informazzjoni dwar aspett tekniku tal-makkinarju jew tekniki ta' trobbija tal-annimali jew ġestjoni u jistgħu jintużaw biex jiġbru interess jew jinkoraġixxu diskussjoni jew dibattitu jew bħala tutorial biex jgħinu lill-oħrajn jużaw it-teknoloġija.

L-iskambji bejn il-pari jgħinu biex jinkoraġixxu l-komunikazzjoni fil-gruppi soċjali u jgħinu l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet fir-razzett. Dawn jinkoraġixxi l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli permezz ta' esperimentazzjoni ta' tekniki ġodda f'sitwazzjonijiet fir-razzett. Il-vidjows jgħinu biex jinħoloq dibattitu u soluzzjoni ta' problemi kritiku għall-iżvilupp ulterjuri tal-innovazzjonijiet u jinkoraġixxu l-użu ta'

teknoloġija ġdida għal sitwazzjonijiet speċifiċi fir-razzett fejn ikunu neċessarji soluzzjonijiet imfassla apposta. Spiss il-problemi reġjonali jistgħu jiġu esplorati billi wieħed jara u jsegwi diskussjoni fuq midja soċjali. B'mod ugwali, soluzzjonijiet bejn ir-reġjuni u soluzzjoni bejn is-setturi jistgħu jinqasmu fejn ma kienx ikun hemm probabbiltà li sseħħ diskussjoni wiċċ imb'wiċċ.

Vidjows immirati lejn bdiewa oħra għandhom juru u jipprovdu dettalji addizzjonali għal approċċ jew metodu ta' biedja speċifiku kif ukoll approċċi u sistemi ta' razzett sħiħ. Oqsma ta' interess għal bdiewa oħra se jinkludu kif ġie implimentat l-approċċ, kemm hu trasferibbli għar-razzett tagħhom, il-benefiċċji, u l-ostakli jew sfidi għall-implimentazzjoni tal-approċċ.

Il-vidjows għall-bdiewa għandhom jiffokaw fuq viżwalizzazzjoni soda tas-suġġett inklużi makkinarji f'azzjoni, għelejjel, annimali eċċ. Il-bdiewa jridu jaraw soluzzjonijiet prattiċi f'irziezet oħrajn. Kull fejn ikun possibbli, uża bdiewa oħra bħala testimonjanzi. Ħallihom jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom, dwar is-suċċessi tagħhom, iżda wkoll dwar id-diffikultajiet li jsibu. Opinjonijiet differenti dwar is-suġġett iżidu l-attrattività u l-kredibbiltà tal-vidjow tiegħek. Madankollu, id-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu konċiżi ħafna u ċari.

### 1.3.2. Politika

Il-vidjows immirati lejn il-politika għandhom jenfasizzaw it-trasferibbiltà ta' approċċ, kif dan l-approċċ/prova tal-biedja jista' jkollu impatt fuq il-politika u kif il-politika tista' tinbidel sabiex tkompli tinfluwenza/ ittejjeb il-prattiki tal-biedja madwar l-Ewropa. Vidjows immirati lejn dawn li jfasslu l-politika jistgħu jimmiraw lejn varjetà iktar wiesgħa ta' suġġetti, pereżempju, l-effett ta' bidla fil-ġestjoni agrikola u l-impatt tagħha fuq il-bijodiversità.

Dawn il-vidjows jistgħu jieħdu perspettiva iktar wiesgħa dwar kif komunità agrikola sħiħa jista' jkollha impatt fuq il-komunità iktar wiesgħa u jistgħu jkunu bażi tajba sabiex jiġi stimulat dibattitu iktar wiesa'. B'mod ugwali, il-vidjows immirati lejn il-politika jistgħu jenfasizzaw l-aspetti benefiċjali ta' bidla fil-prattika agrikola u jgħinu sabiex jinkoraġixxu bidliet ulterjuri li jkunu ta' benefiċċju għal kulħadd.

### 1.3.3. Riċerka

Il-vidjows huma ideali għad-disseminazzjoni tar-riżultati ta' riċerka. Madankollu, żomm f'moħħok li minuta ta' vidjow jikkorrispondi għal madwar 100 kelma mitkellma. Għalhekk, vidjow dwar ir-riċerka se jkollu inqas dettall meta mqabbel ma' artikolu miktub. Iżda huwa ideali biex jissupplimenta artikoli u biex iħajjar lit-telespettatur jaqra dokument.

Hemm diversi approċċi dwar kif jintuża vidjow dwar riżultati ta' riċerka; jew bħala vidjow ta' previżjoni qasir u sempliċi ta' 30 sa 45 sekonda, fejn ir-riċerkatur jispjega r-riżultati ewlenin tiegħu. Dawk li jissejħu vidjows ta' previżjoni jistgħu jintużaw fuq il-midja soċjali u biex jipprovdu link għad-dokument oriġinali.

Ir-riċerka tista' wkoll tiġi ppreżentata b'mod iktar estensiv (stil ta' lecture). L-iktar mod faċli jkun li tiffilmja lecture pubblika. Madankollu, il-kwalità ta' dawn il-vidjows ta' lectures spiss ma tkunx sodisfaċenti (kamra mdallma bi projector), u ħafna drabi jkunu twal wisq. Għalhekk, huwa rakkomandat li tipproduċi l-vidjows tar-riċerka separatament: jew f'post li huwa adattat għas-suġġett tar-riċerka, eż. laboratorju, stalla jew għalqa, jew inkella tiffilmja fuq ġewwa fi studio sempliċi bi skrin ħadra. Iż-żewġ approċċi għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom. Il-post fuq barra jista' jkun iktar awtentiku, speċifikament jekk jistgħu jintwerew oġġetti relatati mar-riċerka tiegħek.

Il-vidjows fuq ġewwa jippermettu li l-ambjent jiġi kkontrollat aħjar (il-ħoss, id-dawl), u permezz tat-teknika tal-iskrin ħadra tista' tiġi inserita grafika u spjegata bħala tutorial.

Jekk l-udjenza fil-mira tkun magħmula minn riċerkaturi oħra, iffoka fuq l-iktar riżultati importanti. Issemplifika l-grafika u t-tabelli użati fl-artikoli bil-miktub jew id-dokumenti, peress li t-telespettatur mhux se jkollu biżżejjed ħin biex jifhem grafika kumplessa ħafna. Il-metodi applikati fir-riċerka jistgħu wkoll ikunu interessanti biex turihom fil-vidjow.

Jekk ir-riżultati tar-riċerka jkollhom rilevanza prattika qawwija jew ġew imwettqa flimkien ma' prattikanti, il-vidjows huma l-għodda ideali biex turi l-approċċ b'diversi atturi, u biex tikseb l-interess tal-bdiewa u l-konsulenti. F'dan il-każ, post fuq barra jista' jkun l-aħjar għażla. Għal darb'oħra, tgħabbix il-vidjow b'wisq informazzjoni! Jekk jiġi uplowdjat fuq YouTube, il-prattikanti jistgħu jistaqsu fit-taqsima tal-kummenti għal iktar dettalji.

### 1.3.4. Il-pubbliku ġenerali

Il-bdiewa jħobbu jinvolvu lill-pubbliku ġenerali biex jgħinuhom jifhmu l-importanza tal-komunità tal-biedja fil-produzzjoni tal-ikel li jixtru biex jitimgħu lill-familji tagħhom. Il-vidjows li jippromwovu l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel tajjeb għas-saħħa huma milqugħin sabiex jinkoraġixxu lill-pubbliku ġenerali jixtru u jappoġġjaw ikel li huwa prodott b'mod sostenibbli. Spiss, il-prodotti tal-biedja li jkunu prodotti b'mod sostenibbli skont etika tal-KE għandhom primjum ikbar u l-vidjows li jippromwovu dan l-ikel huma użati biex jinkoraġixxu lill-pubbliku jappoġġja dan l-ikel. Il-pubbliku ġenerali jista' ma jkunx konxju ta' approċċi, tekniki jew termini tall-biedja speċifiċi u għalhekk il-lingwa użata fil-vidjow u l-filmati murija għandhom jirriflettu dan.

L-oqsma ta' interess għall-pubbliku ġenerali se jkunu iktar ġenerali meta mqabbla ma' udjenzi oħra tal-biedja, tal-politika u tar-riċerka u jistgħu jinkludu kif approċċ muri f'dimostrazzjoni se jaffettwa l-ambjent u d-disponibbiltà tal-ikel.

#### 1.3.5. It-tfal

Xi tfal ma jafux "min fejn jiġi l-ikel tagħhom". Għalhekk, il-vidjows jistgħu jgħinuhom jifhmu s-sors tal-ikel tagħhom u kif jiġi prodott l-ikel. Dawn il-vidjows iridu jimmiraw speċifikament lejhom peress li l-livell ta' fehim tagħhom huwa differenti u vidjows qosra u effettivi jippromwovu involviment u jwasslu għal aċċettazzjoni iktar għolja ta' opzjonijiet tajbin għas-saħħa għal għażliet ta' ikel waqt li jikbru. Is-suġġetti li jsibu interessanti spiss huma differenti minn dawk ta' telespettaturi ikbar għalkemm il-livell ta' attenzjoni tagħhom huwa għoli għal perjodu ta' żmien limitat.

# 2 Ipprepara vidjow għal dimostrazzjonijiet virtwali

## 2.1. AGĦŻEL TIM TA' PRODUZZJONI

It-tim ta' produzzjoni tal-vidjows jista' jikkostitwixxi atturi diversi, bħal universitajiet, istituti xjentifiċi u ta' riċerka, servizzi ta' estensjoni, kumpaniji privati, organizzazzjonijiet tal-bdiewa jew servizzi pubbliċi. Il-kollaborazzjoni bejn diversi atturi, bħal bdiewa, konsulenti u xjentisti tista' tkun diffiċli minħabba l-isfondi professjonali, il-ħiliet, il-bażijiet tal-għarfien, il-prijoritajiet, ir-rutini tax-xogħol, u l-motivazzjonijiet differenti tagħhom. Biex tgħin li dan il-kompitu jirnexxi; importanti li tiddefinixxi termini ta' referenza ċari u suġġett, kontenut u qsim tax-xogħol li jkun hemm ftehim reċiproku dwaru.

Kull proġett ta' vidjow ta' dimostrazzjoni huwa uniku u li jkun hemm it-tim it-tajjeb allokat huwa kruċjali għas-suċċess tiegħu. Jekk ikollok in-nies tajbin abbord se tagħmel l-aħjar użu tal-ħin tiegħek, u jkollok vidjow aħjar finalment. Importanti li tkun taf il-limiti tiegħek. Ħalli s-suġġetti kumplessi, il-kunċetti, il-PR u l-films tar-reklamar għall-professjonisti.

Meta tiġi biex tiddeċiedi d-daqs tal-ekwipaġġ tal-produzzjoni tal-film tiegħek, dak li realment tkun qed tiddeċiedi huwa kemm għandek bżonn esperti biex toħloq vidjow ta' dimostrazzjoni ta' suċċess. Dan se jiddependi fuq il-kumplessità tal-proġett. Mill-inqas ir-rwoli li ġejjin għandhom ikunu koperti fit-tim tiegħek:

1. **Direttur u operat tal-kamera.** Għal kważi l-proġetti kollha, ekwipaġġ ta' 2 min-nies (direttur wieħed u operatur tal-kamera wieħed) hija l-aqwa struttura bażika. L-operatur tal-kamra jista' jiddedika attenzjoni sħiħ għall-kwalità tal-istampa u tal-ħoss. Id-direttur jista' jmexxi l-ġbid, jiggwida l-preżentaturi, l-intervistati jew l-atturi, u kun żgur li kollox sejjer skont il-pjan. Hija wkoll idea tajba li jkollok żewġ pari ta' għajnejn esperti meta tkun qed tiġbed il-film. Dan jagħmilha iktar faċli li tiddeċiedi liema xeni huwa meħtieġa għal stampi supplimentari (ara wkoll il-B-roll fit-taqsima 7.4). L-istampi jgħinu biex iżidu stil mal-materjal u jistgħu jagħtu l-ħajja lil vidjows sempliċi.

2. **Preżentaturi.** Il-preżentatur għandu jkun jista' jispjega l-affarijiet b'mod ċar u konċiż. Dan jiffranka ħafna xogħol fil-proċess wara l-produzzjoni sussegwenti u huwa l-aqwa prerekwiżit għal vidjow ta' suċċess. Fejn ikun possibbli uża firxa ta' partijiet interessati (riċerkaturi, konsulenti, bdiewa inklużi bdiewa żgħażagħ u bdiewa nisa) li jsirulhom mistoqsijiet rilevanti u jżidu valur ma' kwalunkwe test online miktub.

## 2.2. L-ISTRUTTURAR TAL-KONTENUT

Ladarba jintgħażel is-suġġett, għandu jiġi definit b'mod iktar ċar u speċifikat b'mod ulterjuri. Pereżempju, is-suġġett ewlieni "Il-bijodiversità fl-agrikoltura" jista' jinbidel f'"Il-ħolqien ta' oqsma għall-promozzjoni tal-bijodiversità f'razzett tar-raba'" jew saħansitra iktar speċifikament "It-tħawwil ta' arbuxxelli" jew "Il-manteniment tal-arbuxelli". Bħala regola ġenerali, kull vidjow għandu jindirizza suġġett wieħed biss. Barra minn hekk, l-elementi orjentati lejn l-azzjonijiet li trid tinkludi fil-vidjow tiegħek għandhom jiġu definiti.

Importanti li tikteb l-iktar punti importanti li trid twassal lill-udjenza. L-ewwel, bħala kliem ewlieni u wara bħala sentenzi fformulati. Dan jagħti l-ewwel indikazzjoni tad-dewmien tal-vidjow. Bħala regola ġenerali: 100 kelma jagħmlu minuta minn film.

Il-kontenut ifformulat imbagħad irid jiġi strutturat. L-istruttura bażika għall-formati tal-vidjows kollha jinkludu bidu (intro), parti ewlenija u tmiem (outro) (Figura 3:)

- **L-intro** jintroduċi t-tema u r-rilevanza tagħha. Matul l-ewwel 30 sekonda, it-telespettatur irid jifhem għaliex huwa utli li jara l-vidjow. B'mod addizzjonali għas-suġġett, il-kelliem ewlieni u, jekk meħtieġ, il-post għandhom jiġu introdotti wkoll.
- **Il-parti ewlenija** tippreżenta soluzzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għal azzjoni. Spiss huwa utli li taqsam il-parti ewlenija f'kapitoli qosra.
- **L-outro** jasal għal konklużjoni qasira u/jew jirreferi għal sorsi ta' informazzjoni ulterjuri (sejħa għal azzjoni).

**Figura 3.** Struttura bażika ta' vidjow qasir ta' 2-3 minuti. Jekk suddiviżjoni ulterjuri oħra hix meħtieġa jew le fil-parti ewlenija jiddependi fuq il-kumplessità tas-suġġett. (sors: Riżultat 4.3-PLAID)




**Figura 4.** Vantaġġi u żvantaġġi ta' preżentatur u off-speaker.
(sors: Riżultat 4.3-PLAID)

| | VANTAĠĠI | ŻVANTAĠĠI |
|---|---|---|
| **Preżentatur**  | • Effiċjenti<br>• Awtentiku | • Persuna adattata<br>• Ippjanar tajjeb<br>• M'hemmx korrezzjonijiet wara<br>• L-editjar jieħu ħafna żmien |
| **Off-speaker**  | • Kitba wara<br>• Formulazzjoni preċiża | • Vuċi adattata<br>• Il-kitba teħtieġ iktar ħin |
| **Kombinament: moderatur u off-speaker** | | |

## 2.3. KELLIEM, PREŻENTATUR JEW INSERIMENTI BIT-TEST

Ladarba l-kontenut ikun ġie ddeterminat, trid isser deċiż-joni dwar min se jgħid l-istorja. Dan jista' jkun persuna waħda jew diversi persuni. FIl-każ ta' vidjows agrikoli, pereżempju, il-bdiewa, ir-riċerkaturi jew il-konsulenti jistgħu jiġu kkunsidrati. Bħala esperti, dawn jistgħu jipprovdu l-kontenut b'mod awtentiku u kredibbli.

Alternattiva hija li jkun hemm il-punti ewlenin miktubin u mbagħad moqrijin minn kelliem bħala voice-over. Iż-żewġ metodi għandhom vantaġġi jew żvantaġġi (Figura 4). Iżda spiss il-kelliema off-kamera u l-vuċijiet oriġinali tal-esperti huma kkombinati.

Fil-vidjows qosra, l-istampi jistgħu jiġu ssupplimentati wkoll b'inserimenti ta' test jew sottotitoli qosra. Speċifikament, fil-midja soċjali, il-vidjows spiss jintwerew mingħajr ħoss li jagħmel is-sottotitoli vantaġġjużi ħafna.





## 2.4. IPPJANAR TAL-A-ROLL U B-ROLL

Importanti li tippjana l-vidjow kemm fil-livell tan-narratur u tal-istampa, indipendentement minn jekk il-kontenut huwiex irrakkuntat minn persuna intervistata jew minn kelliem mhux fil-vidjow. Il-livell tan-narratur huwa magħruf ukoll bħala l-A-Roll. Il-livell tal-istampa jissejjaħ B-roll jew filmat (Figura 5).

Ladarba jiġi deċiż x'se jgħid in-narratur, ikun neċessarju li jiġu ppjanati l-istampi xierqa biex jikkummplimentaw il-livell tan-narratur. Jekk ikollok dan ippreparat sew, tkun tista' tiffilmja l-istampi kollha meħtieġa fl-istess ġurnata ta' ġbid tal-vidjow. Jekk ikun hemm lakuni fl-ippjanar, jista' jkun li jkollok tuża materjal ta' stampi eżistenti – ritratti jew filmati qosra. Importanti li telenka l-istampi kollha li teħtieġ sabiex ma tinsa xejn waqt il-ġbid tal-filmat. Mudell għall-qafas huwa muri fil-Figura 6.

**Figura 5.** Il-pedament ta' vidjow huwa l-A-Roll, jiġifieri d-dikjarazzjonijiet essenzjali ta' min qed jiġi intervistat. Permezz tal-B-Roll, dak li jkun intqal jiġi llustrat. (sors: Riżultat 4.3-PLAID)



**Figura 6.** Mudell għal qafas tal-pjan ta' vidjow.
(sors: Riżultat 4.3-PLAID)

## Qafas għall-Vidjow (titolu):

Format: _presenter _narrator _only titles _other

| KONTENUT 100 KELMA 1 MINUTA | LIVELL TAL-ISTAMPA |
|---|---|
| **Intro Spjega l-problema, għid x'se jintwera fil-Vidjow**<br>Kliem ewlenin:<br>-<br>-<br>-<br>-<br>Ħin stmat: | eż. preżentazzjoni ta' bidwi, għelejjel |
| **Parti ewlenija: Spjega l-innovazzjoni tiegħek pass pass**<br>Kliem ewlenin:<br>-<br>-<br>-<br>-<br>-<br>-<br>-<br>Ħin stmat: | eż. magni fl-azzjoni, dettalji, ritratti |
| **Outro: rakkomandazzjonijiet , sejħa għal azzjoni, dikjarazzjonijiet tal-bdiewa eċċ.**<br>Kliem ewlenin:<br>-<br>-<br>-<br>-<br>Ħin stmat: | |

## 2.5. TAGĦMIR

### 2.5.1. Kamera

Tista' tagħżel bejn smartphones, camcorders jew kameras tar-ritratti bil-funzjoni tal-vidjow (Figura 7).

Is-**smartphones** illum għandhom kameras eċċellenti integrati fihom. Madankollu, fid-dawl tax-xemx qawwi jista' jkun diffiċli li tikkontrolla l-istampa fuq id-displej. Importanti li tiftakar dejjem tiffilmja bil-vista orizzontali meta tuża smartphones. Għal iktar informazzjoni dwar kif tibdel is-smartphone tiegħek f'kamera tal-vidjows perfetta, ikklikkja fuq il-url li ġejja:
[www.backstage.com/magazine/article/turn-smartphone-perfect-video-camera-19498/]

Il-**camcorders** huma ddisinjati bis-sħiħ għall-iffilmjar. Faċli tużahom u ma jeħtiġux wisq prattika. Dawn joffru displej aġġustabbli, li huwa vantaġġ kbir fid-dawl tax-xemx qawwi. Il-camrecorders li jkollhom viewfinders u eyecups joffru kontroll tal-istampa saħansitra aħjar. Il-lenti taż-żoom hija vantaġġ ieħor meta mqabbla mal-ismartphones.

**Il-kameras (kameras ta' reflex u kumpatti) bil-funzjoni tal-vidjow** joffru ukoll kwalità eċċellenti tal-istampa. Madankollu, biex tużahom, u iktar speċifikament tiffoka bihom, hemm bżonn ta' iktar prattika milli bil-camcorders. Importanti għat-tipi kollha ta' kameras li tkun żgur li jistgħu jiġu mqabbdin ma' mikrofoni esterni u tripod.

### KUNSIDERAZZJONIJIET GĦAL META TIXTRI KAMERA

L-ewwel ikseb esperjenza bit-tagħmir eżistenti.

Ikri kameras u ara x'inhu l-aħjar għall-ħtiġijiet tiegħek.

Camcorders bil-vidjow bi kwalità ta' stampa tajba huma disponibbli minn €300.

Kun żgur li jkollok inputs għal mikrofonu estern u kuffji.

Jiddependi fuq il-baġit tiegħek jekk tixtrix kamera bl-HD Totali jew riżoluzzjoni 4K. L-editjar ta' vidjow fil-4K jeħtieġ kompjuter iktar b'saħħtu u iktar spazju ta' ħażna.








**Figura 7.** Smartphone, kamera tal-vidjows jew kamera tar-ritratti: il-kwalità tal-istampa huwa tajjeb għalihom kollha. L-għażla tat-tagħmir it-tajjeb huwa ddeterminat bl-applikazzjoni, il-baġit u l-preferenza personali.
(sors: Riżultat 4.3-PLAID)

### 2.5.2. Tipi addizzjonali ta' kameras adattati għall-agrikoltura

Hawnhekk nippreżentaw tliet tipi ta' kameras li huma partikolarment adattati għall-produzzjoni tal-vidjows agrikoli (Figura 8). Madankollu, dawn mhumiex parti mit-tagħmir bażiku għal dawk li għadhom jibdew.

L-**actioncams** jagħtu stampi spettakolari meta jiġu mmuntati fuq trattur jew magna fil-kopertura protettiva reżistenti għat-trab u għax-xokkijiet fornuta. Il-kwalità tal-istampa ġeneralment hija tajba ħafna, iżda l-kwalità tal-ħoss mhix tajba. Tista' tiddeċiedi li tuża tagħmir ta' rekordjar tal-awdjo separat simultanjament biex tikseb kwalità tal-ħoss aħjar.

**Droni** b'kameras tajbin u karatteristiċi ta' titjir tajbin huma disponibbli minn €600. Il-Mavic Air ta' DJI, pereżempju, huwa ħafif, żgħir u faċli biex tużah permezz ta' smartphone. Dawn huma utli biex tiffilmja ritratti mill-ajru ta' għelieqi, magni, merħliet ta' annimali jew bini ta' rziezet li jippermettu t-titjib ta' kull vidjow. It-telespettatur jieħu idea eċċellenti tal-post tal-avveniment. Madankollu, ir-rekordings bid-dron għandhom jintużaw biss fejn ikun jagħmel sens. Addizzjonalment, il-pilota tad-dron għandu jiżgura li jużahom b'mod konformi mal-liġijiet/regolamenti tat-titjiriet. Il-bażi legali għad-droni hija speċifika għall-pajjiż u tvarja fir-restrizzjonijiet tagħha. Huwa essenzjali li wieħed jikkonsulta lill-uffiċċju ta' informazzjoni uffiċjali tal-pajjiż in kwistjoni qabel l-użu. Ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni dwar id-droni fil-pajjiżi differenti Ewropej tista' tinstab [hawn]. Madankollu, fil-pajjiżi kollha huwa pprojbit li ttajjar id-droni minn fuq gruppi ta' nies. Pereżempju, jekk trid tiffilmja fuq dimostrazzjonijiet ta' magni fir-razzett bid-droni, trid tagħmel dan qabel jew wara li jaslu l-viżitaturi.

**Figura 8.**
Popolari fl-agrikoltura: Actioncams, droni u kameras ta' 360°.
(sors: Riżultat 4.3-PLAID)



**PARIRI DWAR KIF TUŻA D-DRONI**

Il-bażi legali għad-droni hija speċifika għall-pajjiż u tvarja fir-restrizzjonijiet tagħha.

Dan il-blog jagħti ħarsa ġenerali tar-regolamenti f'pajjiżi Ewropej differenti http://dronerules.eu/en/recreational/regulations

Ikkonsulta lill-uffiċċju ta' informazzjoni uffiċjali tal-pajjiż qabel tuża d-dron.

Żvantaġġ ieħor tad-droni huwa li r-rekordings tal-ħoss mhumiex possibbli. Parir jista' jkun li tuża pilota ta' dron ta' passatemp mingħand il-ħbieb tiegħek minflok ma tixtri d-dron tiegħek stess, jew tistaqsi lil tfal jew adoloxxenti li għandhom iktar esperjenzi bil-joysticks milli xi adulti.

**Kameras ta' 360°:** Vidjow standard jittieħed b'lenti waħda u tagħti lit-telespettatur veduta "ċatta" tal-oġġett li qed jintwera. Vidjow ta' 360° jittieħed b'kamera speċjalizzata li tuża 2 lentijiet "fish eye" biex tieħu veduti f'kull direzzjoni simultanjament. Dan jippermetti lil telespettatur iċaqlaq il-pożizzjoni/l-angolu tal-vista matul il-vidjow. Għalhekk, fil-prattika waqt il-vidjow it-telespettatur jista' jċaqlaq l-orjentazzjoni tiegħu biex jara aspetti differenti, pereżempju, 'il fuq 'l isfel u madwar, iżda mhux possibbli li tiżżoomja 'l ġewwa jew tibdel il-pożizzjoni oriġinali tal-vidjow. Il-kameras ta' 360° joffru lit-telespettatur esperjenza spazjali komprensiva, li hija kkontrollata mit-telespettatur innifsu fuq id-displej jew permezz ta' nuċċalijiet ta' RV (Realtà Virtwali).

Hemm diversi opzjonijiet għal veduti għal rekordings ta' 360°. Il-vidjows huma idealment adattati biex jintwerew permezz ta' headset ta' Realtà Virtwali jew għal format disponibbli iktar faċilment permezz ta' mowbajl Android jew headset tal-kartun (google) (Figura 10). Dan jagħti lit-telespettatur esperjenza immersiva ta' realtà virtwali u l-vidjow jista' jiġi nnavigat permezz ta' movimenti tarras. It-telespettatur jista' jiċċaqlaq madwar il-vidjow biex jibdel il-pożizzjoni tal-vidjow billi jċaqlaq rasu. Il-vidjows jistgħu jiġu ospitati wkoll fuq kanal ta' YouTube u jintwerew permezz tal-brawżer chrome biex it-telespettatur ikun jista' jiċċaqlaq fil-vidjow permezz ta' PC jew Laptop standard u navigazzjoni/kontroll bil-maws. Hemm potenzjal sinifikanti fil-qasam tal-korsijiet tat-taħriġ virtwali u turs virtwali. Madankollu, il-produzzjoni ta' vidjows ta' realtà virtwali teħtieġ kemm esperjenza kif ukoll ippjanar tajjeb.



**Figura 9.** Ricoh Theta V 360° kamera
(sors: Riżultat 4.3-PLAID)




**Figura 10.** Headsets PLAID Cardboard qed jintwerew f'DATagri, Spain. (sors: Riżultat 4.3-PLAID)



### 2.5.3. Mikrofonu

Ħoss importanti huwa importanti daqs stampa tajba. Speċifikament għall-intervisti, il-mikrofoni integrati tal-kameras tal-vidjow u l-ismartphones ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit. Iktar ma żżid id-distanza bejn il-kamera u s-sors tal-ħoss, il-kwalità tal-ħoss jonqos b'mod rapidu. Barra minn hekk, il-ħoss tal-ambjent u tar-riħ spiss jirrovinaw tali rekordings tal-ħoss. Is-soluzzjoni hawn hija li tuża mikrofonu estern.

Il-mikrofoni b'konnessjonijiet tal-kejbil u mikrofoni mingħajr fili huma disponibbli f'diversi klassijiet ta' prezzijiet (Figura 11). Aħna nagħmlu distinzjoni wkoll bejn il-mikrofoni lavalier (fuq il-ħwejjeġ) u mikrofoni li żżommhom f'idejk. Mikrofoni lavalier mingħajr fili huma adattati sew għal kuntesti agrikoli. Il-persuna ffilmjata tista' tiċċaqlaq liberament u tuża idejha biex turi jew tagħmel dimostrazzjoni ta' affarijiet. Il-mikrofonu mingħajr fili RodeLink joffri proporzjon tajjeb ħafna bejn il-prezz u l-prestazzjoni u jiswa madwar €300.

Importanti li dejjem tikkontrolla l-ħoss permezz tal-kuffji. Jista' jiġri li jkun hemm ħoss, li l-batterija tkun spiċċat jew li nsejt tixgħel il-mikrofonu mingħajr fili. Meta tixtri kamera tal-vidjows, kun żgur li jkun hemm inputs għall-mikrofonu u l-kuffji (Figura 11, lemin). Sfortunatament, dawn il-konnessjonijiet huma disponibbli biss għal ftit mudelli fis-segment tal-konsumaturi.

Vantaġġ ieħor tal-mikrofoni esterni huwa l-użu ta' windbreaker magħmul minn pil sintetiku li jgħin biex jimpedixxi ħsejjes ta' ċekċik li jwasslu biex ir-rekordings tal-ħoss ma jkunux jistgħu jintużaw anke jekk ikun hemm biss riħ ħafif. Apparti mikrofonu lavalier, nirrakkomdandaw ukoll mikrofonu li jinżamm bl-idejn. Dan huwa meħtieġ meta l-intervisti jkollhom isiru f'sitwazzjonijiet f'ambjent storbjuż ħafna.




**Figura 11.** Xellug: mikrofoni sempliċi b'kejbils għal smartphones huma diġà disponibbli minn €20. Nofs: il-link tar-radju RodeLink toffri proporjon tajjeb bejn il-prezz u l-prestazzjoni. Lemin: meta tixtri vidjow camera, kun żgur li hemm konnessjonijiet għall-mikrofonu (jack aħmar) u kuffji (jack aħdar). (sors: Riżultat 4.3-PLAID)

### 2.5.4. Tripod

Vidjows mhux stabbli jidhru mhux professjonali u t-telespettatus jgħejja jarahom. Għalhekk, dejjem trid tintuża tripod. Hemm varji opzjonijiet li jistgħu jintużaw, inklużi (Figura 12):

- Riggs sempliċi għal smartphones huma disponibbli minn €20.
- Gimbals li jipproduċu movimenti speċifikament rotob u dinamiċi ("steady cam")
- Tripod li tintrama fuq l-ispalla jew monopod huma rakkomandati għal ħafna bidliet fil-lokazzjoni meta ma jkunx hemm ħin biex tarma l-apparat.

It-tripod hija s-soluzzjoni ideali għal ħafna applikazzjonijiet. Grazzi għal video head speċjali u ftit prattika tkun tista' tiġbed xeni b'mod sod mingħajr ċaqliq.

**Figura 12.** Opzjonijiet ta' tripod multipli. (sors: Riżultat 4.3-PLAID)



**Rigg għal smartphones** | **Gimbal** | **Rigg ta' fuq l-ispalla għal VideoCam** | **Tripod b'video head**





# 3 Ostakli potenzjali

## 3.1. BAĠIT

Camcorders bil-vidjow bi kwalità ta' stampa tajba huma disponibbli minn €300. Hemm bżonn €100-300 oħra għal mikrofonu estern u tripod. Jekk għandek baġit limitat, jista' jkun li trid tixtri tagħmir użat. Jekk il-baġit tiegħek jippermetti, kamera b'HD sħiħ jew riżoluzzjoni 4K hija ppreferuta iżda teħtieġ kompjuter iktar b'saħħtu b'post ta' ħażna ikbar biex tkun tista' teditja l-filmati 4K. Dan jista' jillimita l-użu tagħha.

## 3.2. HARDWARE TAL-EDITJAR

Għal proċess ta' editjar mingħajr xkiel, il-kompjuter tiegħek għandu jkollu mill-inqas 8 GB, aħjar 16 GB RAM. Ir-rekwiżiti minimi ġeneralment huma indikati jekk tixtri Software tal-editjar. Huwa rakkomandat ukoll li tuża spazju ta' ħażna estern.

## 3.3. SOFTWARE TAL-EDITJAR

Hemm ħafna programmi tas-software tal-editjar disponibbli fis-suq. Programmi b'xejn bħal iMovie fuq tagħmir tal-Apple, Movie Maker għall-PC jew programmi komprensivi bħal Hitfilm jew Shotcut, huma disponibbli.

Madankollu, nirrakkomandaw li tuża programmi bilħlas fil-medda ta' prezz ta' bejn €50 u 100, bħal Adobe Premiere Elements. Meta tuża l-programmi b'xejn tista' tilħaq il-limiti tiegħek malajr u l-programmi estensivi b'xejn bħal Hitfilm spiss huma kumplessi wisq biex jużahom xi ħadd li għadu jibda.

## 3.4. LIĊENZJI

Il-mużika fl-isfond adattata tista' ssebbaħ il-vidjows iżda l-mużika għandha tintuża b'mod skars. Mużika mingħajr drittijiet tal-awtur biss tista' tintuża. YouTube joffri selezzjoni kbira ta' mużika mingħajr drittijiet tal-awtur fil-librerija tal-awdjo tiegħu. Diski popolari jidhru varji drabi fil-vidjows fuq YouTube u jonqsu gradwalment. Għal domandi ogħla, il-mużika tista' tinxtara minn fornituri tal-ħlas bħal audiojungle.net jew premiumbeat.com il-prezzijiet ivarjaw minn $20 sa $50 għal kull diska.

## 3.5. LINGWA

Ġeneralment nirrakkomandaw li l-protagonisti tħallihom jitkellmu bil-lingwa nattiva tagħhom. Bħala konsegwenza, ikunu meħtieġa traduzzjonijiet għal proġetti transnazzjonali. Dan jista' jsir jew permezz ta' voice-over jew b'sottotitoli. Għat-tnejn li huma, trid tinħoloq traskrizzjoni ta' dak kollu li ntqal bil-lingwa oriġinali. L-estensjoni tal-file xierqa għas-sottotitoli hija .VVT jew .SBV jew T.XT. It-traskrizzjoni mbagħad tista' tiġi tradotta f'lingwi oħra u mbagħad tinqara minn kelliem jew tiddaħħal bħala sottotitoli fuq YouTube.

Il-ħin meħtieġ għat-traskrizzjoni ta' minuta ta' vidjow jvarja bejn 30 minuta u siegħa skont il-kumplessità tas-suġġett u tal-esperjenza tal-persuna li tagħmel it-traskrizzjoni. Għall-inseriment tas-sottotitoli fuq YouTube, hemm bżonn madwar 10 minuti għal kull minuta ta' vidjow. Jista' jiġi konkluż li, jekk it-traduzzjoni hija parti mill-proġett, il-vidjows għandhom ikunu qosra kemm jista' jkun, peress li l-ħin meħtieġ għat-traduzzjoni jiżdied b'mod lineari.

Kun żgur li l-lingwa użata kemm bħala traskrizzjoni u bil-lingwa nattiva ma tkunx kumplessa jew xjentifika wisq li ma tinftiehemx mill-udjenza fil-mira. M'għandhomx jintużaw abbrevjazzjonijiet sakemm ma jkunux magħrufin sew u interpretati faċilment.

## 3.6. ĦIN

Il-vidjows jistgħu jieħdu sigħat twal jew anke ġranet biex tipproduċihom, għalhekk min joħloq il-vidjows jista' jkun limitat bl-ammont ta' ħin li jkollu disponibbli biex jipproduċi vidjow.

Bħala medja, l-ippjanar ta' vidjow jieħu bejn 1-2 sagħtejn, il-filming innifsu bejn siegħa u diversi sigħat u l-editjar l-iktar li jieħu ħin. Bħala regola, il-ħin meħtieġ biex teditja vidjow ta' 5 minuti huwa madwar ġurnata. Fil-bidu, mingħajr prattika, jista' jkun li jkollok bżonn iktar ħin.

## 3.7. ĦILIET

In-nuqqas ta' għarfien jew esperjenza fil-ħolqien tal-vidjows jista' jaqta' qalb in-nies biex jipproduċux il-vidjows tagħhom. Dan jista' jaffettwa wkoll il-kwalità ġenerali u l-ħin meħud biex jiġi prodott vidjow. Għalhekk huwa importanti li ssegwi l-prattika fil-ħolqien tal-vidjows, qabel tipproduċi vidjows li se jinqasmu mal-udjenza fil-mira. Fejn ikun possibbli, għandhom jiġu segwiti sessjonijiet ta' taħriġ ipprovduti minn professjonisti sabiex jinkisbu l-ħiliet u l-konfidenza meħtieġa biex jiġu prodotti vidjows.

## 3.8. ID-DAQS TAL-FAJL

Meta tibda tiġbed il-filmati bil-vidjow, għandek tiftakar tieqaf tiffilmja minn ħin għal ħin biex tiżgura li l-fajls ma jsirux kbar wisq. Pereżempju, a video file of 20 minutes from a good quality camera could easily reach 9 GB size. Dan id-daqs tal-fajl huwa diffiċli biex tittrasferixxi u għalhekk tipproċessah. Jekk il-laptop/kompjuter għandu spazju limitat ta' RAM/disk huwa possibbli li l-kompjuter jew jaħdem estremament bil-mod jew inkella ma jkunx jista' jlesti l-biċċa xogħol. Fajls akbar ukoll huma aktar diffiċli biex jiġu editjati meta mqabbla ma' fajls żgħar b'inqas filmati.

Għal din ir-raġuni, huwa xieraq li tieqaf tirrekordja wara 5 minuti għal ftit sekondi qabel terġa' tibda tirrekordja. Żomm f'moħħok li jekk il-fajls tal-vidjow ikunu qosra wisq (inqas minn 2 minuti) dan se jagħmilha diffiċli biex tipproċessahom u ser ikollok bżonn aktar ħin u sforz matul il-proċess tal-editjar biex tgħaqqad il-filmati tal-vidjow.

## 3.9. DAQS TAL-KLIPP

Importanti ħafna li taħseb fid-daqs tal-klipp. Qabel tibda tipproċessa l-filmati, iċċekkja li għandek biżżejjed spazju fuq id-disk fuq il-kompjuter/laptop tiegħek. Dan ifisser li jrid ikollok mill-inqas 2 GB spazju liberu biex tagħmel il-vidjow. Għandek iżżomm f'moħħok li ser ikollok diversi vidjow klipps qabel biex tiffinalizza l-aħħar wieħed. Vidjow klipp wieħed ipproċessat b'tul ta' 2 minuti huwa ta' madwar 200 MGB.

## 3.10. ETIKA (KUNSENS)

Qabel l-iffilmjar, l-UE tobbliga li tikseb kunsens liberu u infurmat minn dawk li (l-bini tagħhom jew huma) se jiġu ffilmjati (eż., Manwal online tal-Portal tal-Parteċipant tal-KE H2020). Il-kunsens jista' jingħata oralment, bil-miktub jew elettronikament. Fejn xieraq, għandhom jiġu pprovduti skedi inforattivi lill-parteċipanti, li jsemmu l-iskop, il-metodu, ir-riskju u l-benefiċċji tar-riċerka u l-użu ppjanat tad-data biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata ċara biex jagħtu l-kunsens tagħhom. Il-kunsens jista' jingħata billi timtela formola ta' kunsens informat immirat qasira li tiżgura li l-parteċipant ikun fehem l-użu tal-immaġini, jaf li jista' jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin u jżomm id-dritt fuq il-filmati għalkemm jippermetti lill-proġett juża d-data miġbuda jew ipproċessata (Figura 13).

Meta tkun qed tittratta avvenimenti li jattenduhom massa ta' persuni, mhuwiex realistiku li wieħed jikkunsidra li jikseb kunsens infurmat minn dawk kollha li jattendu, għalhekk huwa meħtieġ li l-parteċipanti jiġu infurmati li qed isir iffilmjar u kull min ma jridx jinqabad fil-filmat għandu jkellem lit-tim maniġerjali dwar dan. Prattika komuni hija li din il-persuna tingħata badge ikkulurita biex tilbisha. Dan jiżgura li jew ma jinġibidx filmat jekk il-badge tkun viżibbli, jew meta jiġi editjat xi filmat b'xi ħadd li juri l-badge dak il-filmat ma jintużax jew jiġi editjat.

**Figura 13.** Eżempju ta' formola ta' kunsens informat
(ibbażat fuq ir-Riżultat 4.3-PLAID)

**Kunsens għal teħid ta' ritratti, ġbid ta' vidjows jew awdjo NEFERTITI**

Jiena, _______________________________________________ (isem sħiħ tal-persuna), b'dan nagħti l-kunsens tiegħi għall-użu tal-immaġni jew il-vuċi tiegħi, jew it-tnejn li huma, mill-membri tal-proġett tal-konsorzju NEFERTITI. L-immaġni setgħet inqabdet permezz ta' reġistrazzjoni bil-vidjow jew inkella fotografija.

- •Naqbel li tali ritratti, reġistrazzjonijiet tal-vidjow jew awdjo kollha u kwalunkwe riproduzzjoni tagħhom għandhom jibqgħu l-proprjetà tal-awtur u li l-proġett NEFERTITI jista' juża l-immaġni kif jidhirlu xieraq.
- •Nifhem li dawn l-immaġini jistgħu jidhru pubblikament bħala parti mis-sit web ta' NEFERTITI u/jew materjali oħra ta' kummerċjalizzazzjoni relatati mal-proġett.
- •Huwa mifhum li dan il-materjal se jintuża b'mod leġittimu u mhux maħsub li jikkawża xi ħsara jew imbarazzament bla bżonn lill-partijiet involuti.

Firma:____________________________________________ Data: _____ / _____ / __________

Il-proġett NEFERTITI irċieva finanzjament mill-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea Orizzont 2020
taħt il-ftehim ta' għotja Nru 772705.



# 4

# Produzzjoni ta' vidjow għal dimostrazzjonijiet virtwali

## 4.1. ĠBID TA' IMMAĠNI

### 4.1.1. Ġbid ta' A- u B-Roll

Waqt il-ġbid tal-vidjow innifsu huwa wkoll utli li wieħed jaħseb fiż-żewġ livelli A- u B-roll rispettivament. Liema parti tiġbed l-ewwel jiddependi mis-sitwazzjoni. Pereżempju, għal dimostrazzjoni tal-magni normalment wieħed jiffilmja l-magni "fl-azzjoni" l-ewwel, jiġifieri, immaġni tal-filmati jew il-B-roll. Dan jinkludi dettalji u shots twal, idejn li jeżaminaw il-ħamrija maħduma, nies madwar il-magni, eċċ.

Normalment mhux rakkomandat li wieħed jiffilmja l-kummentarju dirett li jagħmel id-dimostratur għall-parteċipanti tad-dimostrazzjoni fir-razzett bħala A-Roll. Dan huwa minħabba li l-kwalità tal-ħoss hija spiss ħażina wisq u l-ispjegazzjonijiet huma ġeneralment twal wisq. Għalhekk, jekk ikun possibbli, il-kummentarju ta' spjegazzjoni għandu jiġi rreġistrat f'pass separat bħala intervista ma' persuna kompetenti (jekk possibbli, iċċara min u x'se jingħad waqt il-preparazzjoni).

Idealment, il-kummentatur għandu jkun kapaċi jispjega l-magni individwali direttament quddiem il-magni. L-espert jiddeskrivi l-metodi tax-xogħol, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-magni li għadhom kif ġew ippreżentati. Il-persuna għandha titkellem fil-preżent u tifformula s-sentenzi bħallikieku kienet qed tikkummenta fuq is-suġġett b'mod dirett. Għalhekk dan jinstema' simili ta' hekk: "Hawnhekk naraw il-magna XY...", "Kif tistgħu taraw, taħdem kemmxejn inqas fil-fond milli l-magna XY...".

Dan se jiżgura li l-kummenti joqogħdu eżatt wara l-istampi tal-magni. Biex jippermetti lill-kelliem l-ewwel jara l-magna qed taħdem taħt il-kundizzjonijiet attwali, il-kummentarju ġeneralment jiġi rreġistrat biss wara d-dimostrazzjoni.

F'sitwazzjonijiet oħra, eż., meta bidwi jispjega proċess ta' rutina, il-kumment ta' spjegazzjoni ("A-roll") jista' jiġi rreġistrat l-ewwel u l-istampi illustrattivi ("B-roll") jistgħu mbagħad jiġu ffilmjati. Jekk il-kummentatur jista' juri azzjonijiet, it-taħdit u l-azzjoni huma ħafna drabi ideali. Sabiex ikun jista' jeditja tali reġistrazzjonijiet sew wara, il-kummentarju għandu jiġi rreġistrat kollu kemm hu mingħajr azzjoni. Wara, id-dettalji tal-azzjoni jiġu ffilmjati.

### 4.1.2. A-Roll: 10 pariri dwar kif għandhom isiru l-intervisti

Kummentarju ta' spjegazzjoni spiss jiġi rreġistrat fil-forma ta' intervista. Hawn huma xi pariri dwar kif għandhom isiru l-intervisti.

1. **Atmosfera rilassata.** Dejjem kun żgur li jkun hemm atmosfera rilassata bejnek u bejn il-persuna li tkun qed tintervista.
2. **Bilqiegħda jew bilwieqfa.** Normalment il-persuna li qed tiġi intervistata għandha toqgħod bilwieqfa. Huwa rakkomandat li tkun bilqiegħda biss waqt intervisti twal kif ukoll għal nies li jiċċaqilqu ħafna.
3. **Kompożizzjoni tal-immaġni.** Fl-intervista, il-linja tal-għajnejn għandha tkun fuq it-tielet linja ta' fuq tal-immaġni (regola tat-terzi). Jekk il-linja tal-għajnejn tkun iktar baxxa, il-persuna tidher żgħira b'mod mhux naturali (Figura 14). Kun żgur li l-persuna li se tiġi intervistata tidher professjonali (l-istil tax-xagħar, il-ħwejjeġ, eċċ.).
4. **Direzzjoni tal-vista.** Il-persuna intervistata m'għandhiex tħares direttament lejn il-kamera, iżda kemmxejn lateralment warajha, f'għajnejn l-intervistatur. Huwa biss f'każ li l-persuna intervistata jkollha rwol ta' moderazzjoni li għandha tħares direttament lejn il-kamera.
5. **Modalità totalment awtomatika.** Jekk l-intervista ssir minn persuna waħda biss (ġestjoni tal-kamera u tal-intervista simultanjament), huwa rakkomandabbli li l-kamera titwaħħal fuq tripod u titħaddem f'modalità kompletament awtomatika. Dan huwa l-uniku mod kif tista' tikkonċentra b'mod sħiħ fuq il-persuna li tkun se tiġi intervistata u l-kontenut ta' dak li jingħad.
6. **Titfix il-kamera.** Nirrakkomandaw li tħalli l-kamera għaddejja tul l-intervista kollha. Jekk toqgħod tixgħel u titfi l-kamera, l-attenzjoni tiegħek ma tkunx iffukata u tista' żżid in-nervożità kull darba. Barra minn hekk, hemm riskju li tinsa tixgħelha.
7. **Sinjali b'rasek silenzjużi.** Waqt l-iffilmjar, l-attenzjoni trid tkun fuq il-persuna intervistata u l-kontenut. Ikkomunika permezz ta' kuntatt tal-għajnejn u mhux verbalment, pereżempju, billi tagħmel sinjali b'rasek. L-intervistatur m'għandux jagħmel rimarki intermedjarji bħal "Iva," waqt li l-persuna li tkun se tiġi intervistata tkun qed titkellem. Dawk ma jistgħux jitneħħew.
8. **Dikjarazzjonijiet fil-qosor.** Hemm veru ftit nies jli istgħu jiddeskrivu xi ħaġa b'mod konċiż u preċiż. Għalhekk, huwa rakkomandat li tippjana mill-inqas żewġ rawnds. L-ewwel wieħed iservi biex tikseb ħarsa ġenerali tas-suġġett u biex jitnaqqas in-nervożiżmu. It-tieni rawnd jiffoka fuq l-aspetti rilevanti u jiffurmulahom bl-aktar mod konċiż possibbli.
9. **Integra l-mistoqsija fit-tweġiba.** Sabiex tiffranka l-ħin, il-mistoqsija ħafna drabi tinqata' fil-fażi ta' post-produzzjoni. Sabiex it-telespettatur jifhem il-kuntest, il-persuna intervistata għandha tintegra l-kelma ewlenija tal-mistoqsija fit-tweġiba tagħha.
10. **Segwitu mingħajr insistenza.** Jekk il-mistoqsijiet ma jitwieġbux bl-aħjar mod, huwa meħtieġ li ssegwihom. Għandhom jiġu ripetuti filmati individwali sakemm ir-riżultat jilħaq l-aspettattivi. Xi drabi, madankollu, ikun ta' għajnuna li taqbeż mistoqsija u terġa' tistaqsiha fl-aħħar.




**Figura 14.** Fl-intervista, il-linja tal-għajnejn għandha tkun fis-sezzjoni taddeheb, jiġifieri, fuq it-tielet linja ta' fuq. Jekk il-linja tal-għajnejn tkun iktar baxxa, il-persuna tidher żgħira b'mod mhux naturali. Opzjonijiet ta' tripod multipli. (sors: Riżultat 4.3-PLAID)

### 4.1.3. B-Roll: Żgura settings ta' immaġni varjati

Il-motifi għall-B-roll kellhom jiġu definiti bejn wieħed u ieħor fil-qafas minn qabel. Hemm varjetà ta' settings li jistgħu jintużaw bħala B-roll (Figura 15). Il-klipps individwali għandhom idumu mill-inqas 30 sekonda mingħajr zoom u pans, biex ikunu jistgħu jintużaw wara fl-editjar mingħajr problemi. Il-klipps B-Roll jistgħu jinkludu:

1. **Shots twal biex jifthu xena:** Fil-bidu t-telespettatur għandu jikseb ħarsa ġenerali lejn il-post tad-dimostrazzjoni jekk ikun xieraq (shot li jistabbilixxi s-sitwazzjoni). Shot fit-tul jew mill-art jew shot tad-dron huwa adattat għal dan il-għan.

2. **Shot fit-tul medju** Dan is-setting huwa ideali għal shots tal-magni iżda jista' jsir tedjanti jekk jintuża ta' spiss jew għal żmien twil wisq.

3. **Dettalji, close-ups:** Ix-shots fit-tul u medji għandhom jiġu supplimentati bi close-ups. Dawn jistgħu jiġu prodotti b'modi differenti: Billi tersaq qrib bil-kamera jew tiżżumja fuq id-dettalji bil-lenti Tele. Kamera ta' azzjoni ("action cam") immuntata fuq il-magni tipprovdi wkoll perspettivi eċitanti li parteċipanti f'xandira diretta ta' dimostrazzjoni fir-razzett m'għandhomx.

4. **Materjal ta' immaġni addizzjonali:** Materjal addizzjonali bħal bdiewa f'konverżazzjoni bejniethom, idejn fil-ħamrija, pjanti, shots tal-pajsaġġ huma ta' għajnuna kbira għall-editjar u jtejbu l-kwalità tal-vidjow.



**Shot fit-tul, ta' stabbiliment**



**Shot fit-tul medju**



**Close-ups**



**Close-ups bil-Kamera ta' Azzjoni**




**Close-ups bit-Tele**



**Filmat**

**Figura 15.** Settings varjati tal-kamera ta' motivi tal-B-Roll huma l-bażi għal editjar interessanti. (sors: Riżultat 4.3-PLAID)



### 4.1.4 Rakkomandazzjonijiet

#### Approċċi u għodod

1. **Iddikjara b'mod ċar il-kontenut tal-vidjow fil-bidu.**
2. **Uża t-tranżizzjonijiet bil-għaqal.** Tranżizzjonijiet mhux iġġustifikati jimbuttaw lin-nies u jaljenaw lit-telespettaturi mill-kontenut reali minħabba ifformattjar ħażin.
3. **Uża sezzjonijiet qosra ta' intervisti jew nies li jitkellmu.** It-telespettaturi iktar iħossuhom involuti meta jaraw filmati jiċċaqilqu pjuttost milli veduta statika. Allura peress li l-moviment huwa importanti biex tinvolvi lill-udjenza, uża biss sezzjonijiet qosra ta' intervisti.
4. **Uża voice overs biex tirrakkonta klipp tekniku.**
5. **Ipprovdi sottotitoli biex tagħmel il-kontenut aċċessibbli b'mod iktar wiesa'.**
6. **Aħseb sew dwar kif tiffrejmja l-vidjow.** L-iffrejmjar tal-vidjow, inkluż il-moviment u l-momentum, huwa importanti ħafna għal vidjow prodott tajjeb peress li jista' jagħti l-ħajja lil kwalunkwe suġġett u jżid l-interess tal-udjenzi għall-approċċ jew it-teknika murija.
7. **Uża formati alternattivi biex tippreżenta l-kontenut.** Pereżempju, tista' tuża mużika jew grafika fuq l-iskrin, li jkollhom ritmu tajjeb – mhux twal wisq u jinkludu l-ammont korrett ta' informazzjoni. Kun żgur li t-thumbnails jintużaw b'mod effettiv. Fejn ikun xieraq, uża diskors umoristiku biex tattira lit-telespettatur.
8. **Il-vidjows għandhom jiġu editjati u mqassra kemm jista' jkun.** Dan jippermetti li jiġi pprovdut l-ammont massimu ta' informazzjoni fl-ammont minimu ta' ħin. L-awdjo għandu jkun ċar u konċiż.

#### Il-preżentaturi

1. **Il-preżentatur għandu jkun jista' jispjega l-affarijiet b'mod ċar u konċiż.** Dan jiffrankalek ħafna xogħol fil-post-produzzjoni sussegwenti u huwa l-aħjar prerekwiżit biex ikollok vidjow ta' suċċess.
2. **Uża firxa ta' partijiet interessati fejn possibbli.** Dawn jistgħu jkunu riċerkaturi, konsulenti, bdiewa (inklużi bdiewa żgħażagħ u bdiewa nisa) li jiġu mistoqsija mistoqsijiet rilevanti u jżidu valur ma' kwalunkwe test online miktub.

#### Ħiliet u għarfien

1. **Segwi t-taħriġ bil-vidjow biex ittejjeb il-ħiliet tiegħek.** Jew aqsam esperjenzi ma' oħrajn (jew bdiewa oħra) interessati fil-produzzjoni ta' vidjows.
2. **Ibda b'vidjows qosra ta' massimu 2 minuti.** L-editjar huwa l-ikbar sfida għal ħafna persuni li għadhom jibdew, għalhekk żomm kollox fil-qasir fil-bidu. Biex tagħmel dan, trid tiddefinixxi s-suġġett b'mod konċiż kemm jista' jkun. Il-vidjows qosra jieħdu ħafna inqas ħin ukoll meta jsiru t-traduzzjonijiet.
3. **Uri l-vidjows tiegħek lil telespettatur indipendenti qabel tippubblikahom.** It-telespettatur jista' jindika ambigwitajiet u tul mhux meħtieġ.
4. **Uplowdja materjali regolarment.**

## 4.2. EDITJAR TAL-VIDJOW

L-editjar huwa parti li toħloq sfida għall-biċċa l-kbira tal-parteċipanti, peress li għandu xi rekwiżiti li jikkonċernaw il-prestazzjoni tal-kompjuter. L-editjar effiċjenti jeħtieġ ukoll prattika u dixxiplina. L-editjar ta' vidjow jikkonsisti fil-passi li ġejjin:

1. **Kopja mhux raffinata tal-A-Roll.** Ibda bl-editjar tal-A-Roll, jiġifieri, it-track tal-kummentarju. Il-klipps kollha jinstemgħu u jintgħażlu l-aħjar verżjonijiet. Il-kummentarju huwa strutturat skont il-pjanijiet u mqassar għall-essenzjali biss. Meta tqassar, huwa rakkomandabbli li tagħmel diversi runs u dejjem tistaqsi l-mistoqsijiet li ġejjin: Din is-sentenza hija rilevanti biex jinftiehem is-suġġett? Is-sentenza tgħin biex tagħti spinta lill-istorja 'l quddiem? Dan il-pass jieħu bejn siegħa u 4 sigħat, skont l-ammont ta' materjal iffilmjat.

2. **Kopja raffinata tal-A-Roll.** Ladarba l-"iscaffold" tal-A-Roll ikun f'postu, aqta' l-kliem spelluti ħażin u "aahms".

3. **Daħħal il-B-Roll.** F'dan il-pass, agħżel il-materjal tal-immaġni mill-B-Roll u poġġih fuq il-pożizzjoni xierqa tal-A-Roll. Il-qtugħ tal-A-Roll se jkunu koperti b'dawn il-klipps u b'hekk isiru inviżibbli, iżda dak li jkun intqal huwa ċċarat u enfasizzat b'immaġni xierqa.

4. **Ipprovdi ritmu.** Dan il-pass jikkonċerna l-provvista ta' ritmu fil-film. Dan ifisser, pereżempju, li tiddetermina t-tul tas-sekwenzi tal-A-roll, tiddeċiedi meta jidhru l-immaġini tal-B-roll, taġġusta qtugħ tal-B-roll skont ir-ritmu tal-vuċi. Wara din il-mużika, għandhom jiddaħħlu wkoll titoli u pawżi intermedjarji biex it-telespettatur ikollu ħin jieqaf momentarjament. Il-film għandu jkun andanti u ma jkollux waqfien li ma jinħassx naturali.

5. **Uri l-vidjow.** Uri l-verżjoni (kważi) lesta lil persuna mhux relatata. Din il-persuna tista' tindika jekk il-vidjow huwiex faċli biex issegwih u tifhmu, jekk it-tul huwiex tajjeb u jekk hemmx xi partijiet li jridu jiġu emendati. Wara li jkunu saru dawn l-aħħar korrezzjonijiet, il-vidjow jista' jiġi ppubblikat pubblikament lill-udjenza fil-mira.




**Figura 16.** Arranġament tal-A- u l-B-roll fil-programm ta' editjar. L-immaġni tal-B-roll jintużaw biex ikopru qtugħ fl-A-roll u biex jappoġġaw viżwalment dak li ġie kkummentat fl-A-roll. (sors: Riżultat 4.3-PLAID)



# 5
# Disseminazzjoni ta' dimostrazzjonijiet virtwali

Hemm kanali multipli għad-disseminazzjoni tal-vidjows tad-dimostrazzjoni.



## 5.1. MIDJA SOĊJALI

Il-midja soċjali hija mod tajjeb ħafna kif taqsam vidjows ma' numru kbir ta' nies. Din tista' tintuża għad-disseminazzjoni ta' materjali awdjoviżivi lill-udjenzi kollha, iżda xi forom ta' midja soċjali jistgħu jkunu aktar tajbin għal udjenza speċifika. Għalhekk huwa importanti li tkun taf liema forom ta' midja soċjali tuża l-udjenza fil-mira tiegħek u li tfassal id-disseminazzjoni skont dan.

Vidjows qosra ta' 30 sekonda sa minuta jistgħu jintużaw fuq pjattaformi bħal Twitter u Instagram biex jagħtu ritratt ta' prattika jew innovazzjoni. Jekk il-vidjow tiegħek huwa fuq YouTube u twil wisq għal Twitter, tista' sempliċement ittella' l-intro u tipprovdi link għall-verżjoni sħiħa fuq YouTube. Huwa importanti li tuża sottotitoli, peress li ħafna nies jaraw vidjows fuq Twitter u Facebook mingħajr ħoss. Il-vidjows qosra jistgħu jintużaw ukoll bħala għodda promozzjonali tajba ħafna għal avveniment ta' dimostrazzjoni jew konferenzi. Fuq Twitter il-vidjows jistgħu wkoll jiġu kondiviżi ma' oħrajn mill-followers, u dan jgħin biex jiżdiedu d-dehriet u l-interazzjonijiet mal-powst. Facebook jista' jintuża wkoll biex taqsam materjali awdjoviżivi. Dawn jistgħu jkunu simili għal klipps qosra użati fuq Twitter u Instagram jew vidjows itwal iktar fil-fond simili għal vidjows ta' YouTube.

## 5.2. KANALI FUQ YOUTUBE

Għal vidjows agrikoli, id-distribuzzjoni permezz ta' YouTube hija rakkomandata minħabba li hija l-iktar pjattaforma popolari fiċ-ċrieki agrikoli meta mqabbla ma' Vimeo jew pjattaformi oħra tal-vidjow. Biex taplowdja vidjows, irid ikollok il-kanal tiegħek jew tiftaħ wieħed ġdid. Kuljum, jinfetħu eluf ta' kanali ġodda u jiġu uplowdjati miljuni ta' vidjows ġodda. Għalhekk, hemm bżonn ta' xi sforzi biex il-vidjows li taplowdja jsiru jafu bihom in-nies u biex tiżgura distribuzzjoni ottimali.

Partikolarment fil-każ ta' kanali ta' YouTube li għadhom kif tnedew, huwa diffiċli li tiġġenera ħafna dehriet fil-bidu minħabba n-numru żgħir ta' abbonati. Fil-bidu, kanal ta' YouTube jservi aktar bħala arkivju tal-vidjows online. Minn hawn il-vidjows għandhom jiġu inkorporati f'siti web eżistenti u jintwerew lil udjenzi permezz tan-netwerks tal-midja soċjali. Skont is-suġġett, il-kwalità tal-vidjows prodotti, u n-netwerks eżistenti, jistgħu jgħaddu xhur, jekk mhux snin, biex kanal ġdid ta' YouTube jiġi aċċettat mill-udjenza.

### KIF TAGĦMILHA IKTAR FAĊLI BIEX IN-NIES ISIBU L-VIDJOW TA' YOUTUBE TIEGĦEK

Agħżel titolu sinifikanti bl-iktar kliem ewlieni importanti.

Ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor dwar il-kontenut tal-vidjow. Hawnhekk tista' wkoll tipprovdi links għal iktar informazzjoni.

Speċifika l-kliem ewlieni bħala tags u ttraduċi wkoll dawk l-iktar importanti.

Tużax it-thumbnails li jissuġġerilek YouTube, imma uża screenshot sinifikanti tiegħek stess mill-vidjow. It-tagħmir tal-vidjows u s-software tal-editjar issa ma jiswewx ħafna u faċli biex tużahom.

## 5.3. NETWERKS

Hemm varjetà ta' tipi ta' netwerks differenti li jistgħu jintużaw biex jiġu ddisseminati materjali awdjoviżivi lill-udjenzi fil-mira. Dawn jinkludu gruppi lokali tal-biedja, netwerks nazzjonali jew reġjonali tal-irziezet ta' dimostrazzjoni, gruppi ta' riċerka jew ta' prova (bħal "Innovative Farmers" fir-Renju Unit), gruppi ta' konsulenza u netwerks tal-email/komunikazzjoni u netwerks tal-imsieħba tal-proġett.

Dawn it-tipi kollha ta' netwerks huma tajbin biex il-vidjows jinqasmu ma' nies li għandhom interessi komuni u għalhekk jistgħu jgħinu biex jiżdied l-impatt tal-vidjow. Uħud min-netwerks, bħal netwerks ta' dimostrazzjoni, jistgħu jgħinu wkoll biex jgħollu l-profil tal-vidjow jew il-qasam tas-suġġett peress li dawn il-bdiewa ħafna drabi huma rrispettati ħafna fil-komunità/ l-industrija tal-biedja u jiġu wkoll f'kuntatt ma' varjetà ta' nies fl-industrija li jistgħu jaqsmu vidjow magħhom. In-netwerks jipprovdu wkoll opportunitajiet biex issir introduzzjoni fi gruppi jew partijiet interessati ġodda li jistgħu attwalment ma jkunux konxji ta' prattika jew approċċ partikolari. Jekk taqsam vidjow ma' oħrajn fin-netwerk tiżgura li kulħadd ikollu aċċess għall-vidjow u żżid iċ-ċansijiet li n-nies jaraw il-vidjow meta mqabbel ma' meta taqsam il-vidjow ma' oħrajn mingħajr ma tuża netwerks bħal dawn.

Netwerks mwaqqfa fi ħdan proġetti H2020 huma mod ieħor ta' tixrid ta' vidjows barra minn proġett jew grupp

ta' riċerka, eż., NEFERTITI. Dawn in-netwerks jippermettu li l-vidjows jitqassmu b'mod iktar wiesa', fil-pajjiżi membri, filwaqt li jsaħħu l-iskambju tal-għarfien bejn il-clusters tal-farms. Bl-istess mod, in-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD) u rispettivament in-Networks Rurali Nazzjonali (NRNs) iservu bħala ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kif il-politika, il-programmi, il-proġetti u inizjattivi oħra tal-Iżvilupp Rurali qed jaħdmu fil-prattika u jipprovdu rotta oħra għad-disseminazzjoni ta' vidjows madwar l-Ewropa.

## 5.4. IR-RAZZETT VIRTWALI

Il-prova tal-kunċett tar-Razzett Virtwali ta' PLAID inħoloq minn studenti fl-Università ta' Abertay, Dundee, l-Iskozja, waqt li kienu qed jistudjaw għal masters fit-Teknoloġija tal-Logħob, flimkien mal-persunal ta' "The James Hutton Institute".

Waqt ir-riċerka għall-Inventarju tad-dimostrazzjoni tar-razzett irriżulta ċar li l-aċċess għad-dimostrazzjoni jista', f'xi każijiet, ikun limitat. Il-proġett għalhekk investiga metodi innovattivi biex jiżdied l-aċċess għad-dimostrazzjoni fir-razzett, mod wieħed huwa permezz ta' Dimostrazzjonijiet virtwali. L-istudenti żviluppaw ambjent simulat (Figura 17) li juri pjattaforma ta' Razzett, li hija mixja virtwali fl-ambjent ta' razzett tipiku. Dan jista' jiġi aċċessat kemm fuq il-web kif ukoll permezz ta' headsets (tal-Kartun) tar-realtà virtwali u mowbajl Android. Fl-ambjent tar-realtà virtwali, huwa possibbli li wieħed jaċċessa vidjows ta' innovazzjonijiet iffilmjati kemm f'vidjow standard kif ukoll f'vidjow 360°. Dawn il-videos juru innovazzjonijiet tal-biedja li qed jintużaw madwar ir-razzett.

Il-vidjows ospitati jistgħu jiġu aċċessati fl-ambjent simulat (Figura 18) billi tikklikkja fuq l-isfera meta l-indikatur ikun iċċentrat fuq il-vidjow. Dan jippermetti li l-vidjow jiġi aċċessat u t-telespettatur ikun jista' jiċċaqlaq fil-vidjow biex jikseb veduta sferika sħiħa li hija omnidirezzjonali. It-telespettatur jista' joħroġ mill-vidjow, u jkompli jesplora l-ambjent simulat billi juża l-moviment tar-ras biex isib aktar vidjows.

Il-vidjows jistgħu jitneħħew u jiġu sostitwiti skont ir-rekwiżiti tas-sitwazzjoni. Pereżempju, meta ssir dimostrazzjoni lit-tfal il-vidjows jistgħu juru vidjows tajbin għat-tfal, iżda meta tkun involuta l-komunità tal-biedja, jistgħu jiġu ospitati vidjows teknoloġiċi adattati għall-udjenza.

Ir-razzett virtwali ġie mxerred lil diversi udjenzi kemm fir-Renju Unit kif ukoll f'avvenimenti madwar l-Ewropa. In-natura viżiva tat-teknoloġija għelbet l-ostakli tal-lingwa li spiss jidhru li jwaqqfu/jfixklu l-komunikazzjoni ma' folol kbar mingħajr ma jkun hemm kelliem nattiv preżenti biex jittraduċi.



**Figura 17.** Ambjent simulat li juri trattur.
(sors: Riżultat 4.3-PLAID)



**Figura 18.** Ambjent simulat li juri sferi ta' vidjows 360o ospitati.
(sors: Riżultat 4.3-PLAID)

# 6 Evalwazzjoni tal-impatt tad-dimostrazzjonijiet virtwali

Meta tkun nedejt vidjow ġdid, probabilment trid tevalwa l-prestazzjoni tal-vidjow tiegħek. Evalwazzjoni tirreferi għal kwalunkwe feedback fuq il-vidjow tad-dimostrazzjoni li jista' jittieħed in kunsiderazzjoni sabiex ittejjeb vidjows ta' dimostrazzjoni relatati li jsegwu, u biex tkun konxju ta' jekk ilħaqtx l-għanijiet stabbiliti minn qabel għall-vidjow tiegħek. Il-metriċi tal-vidjow jistgħu jkunu utli biex tkejjel is-suċċess tal-vidjow tad-dimostrazzjoni tiegħek. Idealment, taħseb dwar dawk qabel tibda proġett ġdid tal-vidjow. Din hija bla dubju l-iktar parti importanti tal-proċess kollu tal-vidjow, peress li dan huwa l-uniku mod kif tevalwa s-suċċess tal-vidjow tiegħek.

Il-metriċi tal-vidjo kultant jistgħu joħolqulek konfużjoni jew jinħassu travolġenti, speċjalment jekk mhux soltu tagħmel il-vidjows. L-għażla għal metriċi speċifiċi tal-vidjow hija definita mill-għanijiet tad-dimostrazzjoni virtwali tiegħek. X'kont qed tittama li tikseb? Minn hemm tista' torbot metriċi speċifiċi mal-miri tiegħek u tibda tkejjel is-suċċess. Huwa rrakkomandat li tkejjel ftit metriċi differenti tal-vidjow biex tikseb ħarsa komprensiva tas-suċċess tal-vidjow tiegħek. Madankollu, jekk issegwi kollox allura probabbilment ma ddefinejtx l-objettivi tiegħek b'mod ċar biżżejjed. Uża s-sejbiet tiegħek biex titgħallem, ittejjeb, u tidderieġi l-proġetti futuri tal-vidjow tiegħek lejn suċċessi akbar.

Din it-taqsima tippreżenta 7 mill-iktar metriċi tal-vidjow importanti, u tispjega kif tużahom biex issir taf kemm il-vidjow tad-dimostrazzjoni tiegħek kiseb b'suċċess l-għanijiet tad-dimostrazzjoni tiegħek (fuq il-bażi ta' **www.skeletonproductions.com/insights/video-metrics**).

## 6.1. GĦADD TA' DEHRIET

L-iktar metrika sempliċi iżda qarrieqa minnhom kollha. L-għadd ta' dehriet tgħidlek in-numru mhux ipproċessat ta' kemm-il darba xi ħadd ra l-vidjow tiegħek (kif tista' tistenna). Bażikament l-għadd ta' dehriet tiegħek jindikaw kemm laħaq niex il-kontenut tal-vidjow tiegħek. Jekk trid li l-vidjow tiegħek jarawh miljuni ta' nies fl-udjenza fil-mira tiegħek, allura trid issegwi l-għadd ta' dehriet. Madankollu, ftakar li d-dehriet jingħaddu b'mod differenti madwar il-web – pereżempju, fuq YouTube dehra tingħadd ladarba xi ħadd ikun ra 30 sekonda minn vidjow, filwaqt li fuq Facebook 3 sekondi biss huma biżżejjed. Mela jekk poġġejt il-vidjow tiegħek fuq diversi kanali, żomm dan f'moħħok meta tagħmel ggregazzjoni tad-data.

Jekk qed tfittex li żżid l-għadd ta' dehriet tal-vidjow tiegħek, ikkunsidra dawn il-pariri:

- Aqsam il-vidjow tiegħek mal-udjenza tiegħek, permezz tal-email u l-midja soċjali
- Aqsam il-vidjow tiegħek ma' influencers rilevanti
- Ħallas biex tippromwovi l-vidjow tiegħek fuq kanali fejn tista' ssib l-udjenza tiegħek

Tqisx l-għadd ta' dehriet bħala l-unika ħaġa importanti fil-kontenut tal-vidjow tiegħek. Tajjeb li tkun taf kemm laħaq nies il-vidjow tiegħek, iżda sakemm l-uniku għan tiegħek għall-vidjow tiegħek mhuwiex li xxerred l-għarfien, dan fir-realtà huwa biss l-ewwel pass biex tkejjel is-suċċess tiegħu.

## 6.2. IR-RATA TA' KEMM GĦAFSU "PLAY" FUQ IL-VIDJOW

Ir-rata ta' kemm għafsu "play" fuq il-vidjow hija l-perċentwal ta' viżitaturi tal-paġna li attwalment għafsu "play" u bdew jaraw il-vidjow tiegħek.

Din il-metrika tkejjel tajjeb kemm il-kontenut tal-vidjow tiegħek huwa rilevanti għall-post li tqiegħed fih, u kemm jirnexxielu jattira lill-viżitaturi biex jarawh. Jekk trid li ċertu perċentwal tal-udjenza fil-mira tiegħek tagħfas "play" fuq il-vidjow tiegħek, ir-rata ta' kemm niex għafsu "play" fuq il-vidjow tiegħek hija n-numru li għandek iżżomm għajnejk fuqu.

Jekk trid iżżid ir-rata ta' kemm nies jagħfsu "play" fuq il-vidjow tiegħek, ipprova dan li ġej::

- Żid id-daqs vidjow embed tiegħek jew ċaqlaq il-pożizzjoni tiegħu fuq il-paġna.
- Agħżel thumbnail iktar interessanti, vibranti, attraenti u rilevanti.
- Ibdel il-kopja madwar il-vidjow biex tkun żgur/a li tikkomunika l-kontenut tiegħu b'mod preċiż.
- Ċaqlaq il-vidjow tiegħek f'paġna differenti – forsi jkun apprezzat iktar f'post ieħor.

Ir-rata ta' kemm għafsu "play" fuq il-vidjow tiegħek ma tiddependix biss fuq kemm hu attraenti l-vidjow, iżda wkoll fuq il-kontenut tiegħu. Vidjow li jappella b'mod wiesa' għal kulħadd fl-udjenza fil-mira tiegħek x'aktarx jagħfsu "play" fuqu ħafna iktar nies milli vidjow supplimentari speċjalizzat.

## 6.3. INGAĠĠ

Din il-metrika tkejjel kemm hu effettiv il-vidjow tiegħek. L-ingaġġ għal kull telespettatur jurik kemm ħin raw mill-vidjow tiegħek, u dan huwa espress bħala perċentwal.

L-ingaġġ medju, ukoll perċentwal, jgħidlek kemm ħin mill-vidjow tiegħek raw it-telespettaturi kollha, bħala medja. Din il-metrika hija inkredibbilment utli, speċjalment jekk taraha espressa bħala graff tal-ingaġġ li turi kif l-udjenza tiegħek kollha kemm hi, ratu, reġgħet ratu u waqfet tara l-vidjow tiegħek. Permezz ta' din id-data tista' tibda tkejjel il-kwalità u kemm huma utli l-vidjows tiegħek.

It-telespettaturi qed jarawh mill-bidu sal-aħħar, kif jistgħu jagħmlu meta jaraw narrattiva bbażata fuq storja? Jew qiegħdin jaqbżu partijiet biex jaraw biss partijiet speċifiċi, kif jistgħu jagħmlu fil-każ ta' vidjow ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet? Jekk għandek Appell għal Azzjoni (CTA) fl-aħħar tal-vidjow tiegħek trid li l-udjenza tiegħek tasal għalih, iżda bi grafika tal-ingaġġ tista' tirrealizza li ħafna mill-udjenza tiegħek qed jitilqu qabel jaslu f'dak il-punt.

Biex ittejjeb l-ingaġġ tal-vidjow tiegħek, hawn għandek xi rakkomandazzjonijiet:

- Żomm il-kontenut tal-vidjow tiegħek qasir, konċiż u ċar. Jekk xi ħaġa mhix meħtieġa, aqtagħha.
- Issodisfa l-aspettattivi tal-udjenza tiegħek – dan jorbot ma' komunikazzjoni preċiża fuq il-paġna madwar il-vidjow.
- Oqgħod attent għall-impenn medju tiegħek, u speċjalment il-graffs tal-ingaġġ. Jekk it-telespettaturi qed jieqfu jarawh f'ċerti punti, ifhem għaliex u biddel il-vidjow tiegħek.

L-ingaġġ huwa rilevanti għal kważi kull tip ta' vidjow f'kull tip ta' industrija. Wara kollox, fl-aħħar mill-aħħar, inti trid li n-nies jaraw il-vidjow tiegħek. Żomm f'moħħok l-iskop tal-vidjow tiegħek u kun konxju li ingaġġ medju baxx mhux dejjem huwa ħaġa terribbli.

## 6.4. IL-KONDIVIŻJONI SOĊJALI

Il-kondiviżjoni soċjali turi kemm nies qed jaqsmu l-kontenut tal-vidjow tiegħek ma' oħrajn, normalment imkejla min-numri ta' kondiviżjonijiet fuq il-kanali soċjali.

Għalkemm tista' ma tidhirx li tfisser ħafna fiha nnifisha, il-kondiviżjoni soċjali twassal għal iktar dehriet għall-vidjow tiegħek li ġeneralment iwassal għal iktar kondiviżjoni. Din hija wkoll kejl tajjeb ta' kemm il-vidjow tiegħek huwa attraenti għall-udjenza fil-mira tiegħek (u oħrajn), u kemm huma lesti li jitkellmu dwaru. Dan kollu jwassal għal għarfien ikbar dwar il-proġett ta' dimostrazzjoni tiegħek kif ukoll opportunità biex tilħaq porzjon ikbar tal-udjenza fil-mira tiegħek.

Jekk l-objettiv tal-vidjow tiegħek huwa li tilħaq l-ikbar udjenza possibbli, inti probabilment se tiffoka fuq din il-metrika flimkien mal-għadd ta' dehriet. Tista' żżid il-kondiviżjoni soċjali billi ssegwi dawn il-pariri:

- Staqsi lit-telespettaturi tiegħek biex jaqsmu l-kontenut tiegħek – il-fatt li sempliċiment tistaqsi jista' jtik riżultati kbar.
- Oħloq kontenut speċifikament biex jiġi kondiviż.
- Ibda l-kondiviżjoni tal-vidjow tiegħek billi tagħtih lil influencers rilevanti għall-udjenza fil-mira tiegħek.

Imma tagħtix attenzjoni biss lin-numru ta' retweets li tirċievi. Żomm ukoll kont tal-kummenti li tirċievi dwar il-vidjow tiegħek, u jekk in-nies humiex qed jgħidu affarijiet pożittivi jew negattivi.

## 6.5. RATA TA' KKLIKKJAR

Metrika oħra li mhix unika għall-vidjow, ir-rata ta' kklikkjar (CTR) hija l-perċentwal ta' telespettaturi li jikklikkjaw fuq kwalunkwe CTA (= Appell għal Azzjoni) li tinkludi fil-kontenut tal-vidjow tiegħek.

Is-CTR tiegħek tagħtik indikazzjoni ta' kemm il-vidjow tiegħek għandu suċċess biex iħeġġeġ lit-telespettaturi jieħdu azzjoni. Ovvjament, ħadd mhu se jikklikkja fuq is-CTA tiegħek jekk ma jarawx biżżejjed mill-vidjow biex jarawh, għalhekk segwi l-ingaġġ ukoll. Il-metrika tar-rata tal-ikklikkjar hija importanti ħafna jekk qed tfittex li tmexxi l-udjenza tiegħek wara li jaraw il-vidjow tiegħek.

Biex ittejjeb is-CTRs fil-kontenut tal-vidjow tiegħek, nissuġġerulek li:

- Tibdel is-CTA tiegħek. Ipprova poġġih f'punt differenti fil-vidjow tiegħek, jew agħmlu iktar attraenti viżwalment.
- Tejjeb l-ingaġġ medju tiegħek l-ewwel, speċjalment jekk it-telespettaturi qed jitilqu qabel ma jilħqu s-CTA tiegħek. Aktar ma jaraw mill-vidjow tiegħek, iktar huwa probabbli li t-telespettaturi tiegħek jikklikkjaw.
- Agħmel is-CTA tiegħek rilevanti ħafna għall-kontenut tal-vidjow tiegħek.

Dejjem kun żgur li s-CTA tiegħek jaqbel mal-vidjow li jkun imqiegħed fih, m'għandux tkun rilevanti biss għas-suġġett tal-vidjow, iżda għandu jixraq ukoll mat-ton u d-dehra tal-vidjow.

## 6.6. RATA TA' KONVERŻJONI

Il-konverżjoni hija n-numru ta' leads li ksibt grazzi għal parti mill-kontenut tal-vidjow. Lead hija definita bħala individwu jew organizzazzjoni b'interess f'dak li qed turi. Skont l-opportunitajiet ta' konverżjoni fuq is-sit tiegħek, l-interess tagħhom jiġi espress billi jaqsmu informazzjoni ta' kuntatt, bħal email-ID, numru tat-telefown, jew saħansitra l-isem użat fil-midja soċjali. Dan in-numru jista' jiġi espress ukoll bħala perċentwal tat-telespettaturi kollha li jikkonvertu (ir-rata ta' konverżjoni tiegħek).

Din il-metrika hija ftit iktar kumplikata biex tittraċċaha, u probabbilment se tinvolvi li twaqqafha permezz ta' software analitiku separat għall-host tal-vidjow tiegħek, bħal Google Analytics.

Il-konverżjoni hija metrika vitali biex tkejjel jekk qed tipproduċix vidjows bil-għan li żżid ir-rata ta' konverżjoni tiegħek, u għalhekk tikseb iktar leads. Tista' ttejjeb il-konverżjoni jekk issegwi dawn il-pariri:

- Agħmel il-vidjow tiegħek rilevanti għal dak li l-udjenza fil-mira tiegħek trid tkun taf f'dak l-istadju tal-lembut
- Dejjem ipprovdi informazzjoni siewja; wieġeb il-mistoqsijiet tal-udjenza tiegħek jew serrħilhom moħħom rigward xi biżgħat tagħhom
- Poġġi l-vidjow tiegħek fiż-żona t-tajba tas-sit tiegħek biex tgħin iżżid il-konverżjonijiet.

## 6.7. FEEDBACK

Il-metrika ewlenija finali hija l-feedback dwar il-vidjow tiegħek, li semmejniha ftit fil-qosor fil-kondiviżjoni soċjali. Dan mhuwiex numru iżda pjuttost id-data kwalitattiva li tista' tikseb billi ssegwi kif it-telespettaturi jirreaġixxu u jikkummentaw dwar il-kontenut tal-vidjow tiegħek.

Biex tifhem sew kif verament qiegħed jintlaqa' l-vidjow tiegħek, se jkollok bżonn tisma' lill-udjenza fil-mira tiegħek u l-komunitajiet li jinvolvu ruħhom fihom. Ħu nota kemm tal-kummenti li tisma' kemm diġitalment kif wiċċ imb'wiċċ. Ipprova ifhem it-ton ta' dawn il-kummenti u, għalhekk, ir-reazzjoni ġenerali għall-vidjow tiegħek.

Minħabba n-natura kwalitattiva tal-feedback, diffiċli li wieħed jissuġġerixxi modi kif tista' "ittejjeb" din il-metrika. Madankollu, tinsiex din ix-xejra iktar umana tad-data u tibżax tużaha bħala evidenza biex toħloq kontenut tal-vidjow imfassal aħjar apposta għall-udjenza fil-mira tiegħek fil-futur.



NEFERTITI
F | A | R | M | D | E | M | O

AGRIDEMO

PLAID

FarmDemo irċeviet finanzjament mill-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea Orizzont 2020 taħt il-ftehim ta' għotja N 727388 (PLAID), N°728061 (AgriDemo-F2F) u N°772705 (NEFERTITI).

IKTAR GĦODDA FUQ

**trainingkit.farmdemo.eu**